KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOĊAL ĊOUNĊIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

28 ta' Diċembru 2016

## MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA' TAL-FLORIANA TAS-SEBA' KUNSILL LOKALI FLORIANA - DIĊEMBRU 2016

Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita', skont Art 70 tal-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta, nżammet nhar il-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016 fis-7.00pm fis-sala fejn jiltaqgħa l-Kunsill peress li hi aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti.

Saru avviżi ta' din il-laqgħa fuq il-mezzi tax-xandir kif ukoll billi uffiċċjal tal-Kunsill personalment qassam flyer bil-Malti u bl-Ingliż f' kull residenza a bażi tar-Reġistru Elettorali.

Għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' tas-Seba' Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku Davina Sammut Hili, il-Viċi-Sindku Vince Borg u l-Kunsillier James Aaron Ellul u s- Segretarju Eżekuttiv M'Lourdes Lautier.

Il-Kunsillier Albert Demarco talab li jkun skużat pero' xorta preżenta l-ħidma tiegħu formalment li kien ser jiġi moqri mis-Sindku aktar tard waqt din il-laqgħa.

Ftit tal-jiem ilu, Dr Matthew Paris, kien għadu kemm ta r-riżenja tiegħu minn Kunsillier peress li kien għadu kemm ġie elett Vici-President tal-Malta Football Association. Hu kellu d-dekasteru tal-Housing u l-MEPA, Kultura u Storja (konġunta mal-Kunsillier is- Sur Albert Demarco), Turiżmu u Attivitajiet. Fill-fatt il-Kummissjoni Elettorali għada kemm temmet il-proċess għal-elezzjoni ta' Kunsillier minfloku għadu kemm ġie elett is-Sur Anthony Grech Sant.

L-attendenza kienet ta' sitt residenti biss minkejja li ġew infurmati r-residenti kif ukoll l- għaqdiet lokali kollha adekwatament. Il-parteċipazzjoni tagħhom f'din il-laqgħa kellha l-għan li tkun għodda prinċipali sabiex wieħed iressaq proposti u jiddiskuti mal-Kunsill biex flimkien isseħħ għaqda li tixpruna għal-ġid akbar a benefiċċju tal-Furjaniżi stess u l-Floriana aktar u aktar meta wieħed iqis fortunatament is-sinerġija li teżisti bejn il-kunsilliera kollha.

## BIDU TAL-LAQGĦA

Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi spjegat li l-iskop ta' din il-laqgħa kien li l-kunsilliera jagħtu rapport lir-residenti ta' x' ikun sar fil-lokalita' tul din is-sena kurrenti filwaqt li r-resident jkunu nfurmati bil-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena ta' wara u kif ser jirriflettu fl-estimi finanzjarji annwali.

Is-Sindku infurmat lir-residenti preżenti li wara d-diskorsi tal-Kunsilliera huma setgħu iressqu xi suġġerimenti jew ilmenti sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati fil-pjanijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku Davina Sammut Hili stiednet lill-Viċi Sindku Vince Borg u lill-Kunsillier James Aaron Ellul sabiex jagħtu r-rendikont tal-ħidma tagħhom matul din is-sena.

<u>IL-VIĊI SINDKU IS-SUR VINCE BORG</u>

Il-Viċi Sindku Vince Borg għandu d-dekasteri tal-Qasam Soċjali u Familja, Relazzjonijiet mal-Pulizija, Traffiku, Ġonna u Soft Areas, Anzjani u Ħarsien taċ-Ċittadin.

Beda biex semma l-koperazzjoni kontinwa mal-Pulizija dwar il-problema tad-droga u s-seringi wżati, serq, ħarsien taċ-ċittadini u dwar bini żdingat u abbandunat li jkun joħloq periklu u jservi ta' post fejn ikompli jitkattar il-ħammiem.

Sab għajnuna tal-Pulizija għal waqt il-festival tal-MTV partikolarment biex jiġi regolat it-traffiku fejn ir-resident tħallew jipparkjaw adegwatament.

Rigward tħaris taċ-ċittadin ġie mrażżan l-istorbju u twaħħlu cameras ħdejn il-Kunvent tal- Kapuċċċini u Fuq il-Fosos. Saru s-sinjali tat-toroq fejn meħtieġ, liema xogħol sar tard filgħaxija biex jitnaqqas l-inkonvenjent u traffic jam. Ġew stallati *cameras* fis-subways u llum jinżammu nodfa.

Is-servizz ta' Park and Ride issa joffri żewġ waqfiet fil-Floriana u talab li Transport Malta għanda tirreklama dan is-sevizz partikolarment għal min jaħdem fil-Floriana peress li jqum biss 40 ċenteżmu.

Sar żbir fis-siġar tal-ġonna mill-ELC pero' hawn ma setax ikun kuntent u sodisfatt kullħadd peress li kien hemm min ried żbir radikali (għal veduti !) u min ma qabilx. Ġibed l-attenzzjoni li llum mhux billi tgħid żabra peress li ċertu siġar xjuħ jirrikjedu permessi speċjali mill-ERA u eżempju ta' dawn huma s-siġar li hemm fi Triq Sir Luigi Preziosi u d-daħla tal-bandli fil-telgħa tal-Kurċifiss.

Dawk preżenti ġew infurmati li nbeda proċess sabiex *public conveniences* jaqgħu taħt ir-responsibilita' tal-Gvern ċentrali. Il-ġbir tas-seringi mormija joħolqu polemika serja meta wieħed iqis li jekk xi ħadd jażżarda jiġborhom jista' jiġi akkużat b' pusses ta' droga. Il-problema tas-seringi tippersisti ħdejn il-bandli, fejn il-kamra tal-AGFA, id-Dogs' Home u l-Kapuċċini.

Wera dispjaċir għal vandaliżmu li jara partikolarment it-tkissir tal-bandli u ħmieġ li jintrema abbużivament fihom. Talab il-koperazzjoni tar-residenti billi jirrapurtaw sabiex il-Kunsill ikun jista jinforma lill-pulizija. Iddisgusta ruħu pero' li għad hemm residenti li ma jistħux iħallu l-ħmieġ tal-annimali tagħhom fil-passaġġi tal-ġonna jew li jħallu l-istess annimali jiġru rampanti fil-ħamrija u jħarbtu x-xitel li jkun hemm – a spejjeż tal-Kunsill.

Bi pjaċir semma l-koperazzjoni li teżisti bejn l-għaqdiet Furjaniżi partikolarment mas-Senior Citizens u d-Dar tal-Anzjani u l-organiżżazzjoni ta' ħarġiet kulturali.
Aċċena li l-*parking* riservat għall-persuni bi bżonnijet speċjali għandu jkun rispettat peress li hemm abbuż minnhom partikolarment ħdejn il-Polyclinic u li donnu l-Wardens ma jarawhomx jew jaslu tard wara li jkun sar rapport.
Il-Viċi Sindku Vince Borg għalaq id-diskors tiegħu billi irringrazzja lil dawk preżenti.

<u>IL-KUNSILLIER IS-SUR JAMES AARON ELLUL</u>

Il-Kunsillier James A Ellul tkellem dwar id-dekasteri li hu responsabbli għalihom cioe' e-Councillor, Edukazzjoni, Ħarsien tal-Annimali, Tfal, Żagħżagħ u Sports, Saħħa u Sanita' u kompla jgħid li hu ħadem ukoll billi ta kas ta' dak kollu li ltaqa' miegħu a benefiċċju tal-Furaniżi u tal-Floriana.
Fir-rigward tal-Media u l-Pubblikazzjoniet ħadem billi ppromwova r-reklamar biex ta espożizzjoni mill-aqwa tal-lokalita' tal-Floriana. Il-media tal-Kunsill kienet suċċess fl-attivita' ta' San Patrizju bl-isem ta' *Saint Patricks' Sunday,* fejn il-pubbliku attenda bi ħġaru għal din l-attivita', u l-istess għall-format il-ġdid tas-serata tal-premijiet ta' Jum il-Floriana 2016.
Fil-festa u tul il-festival tan-Nar Mekanizzat tal-Art fl-isbaħ Pjazza ta' Malta, il-Kunsill Lokali tal-Floriana tista' tgħid kien l-ewwel Kunsill Lokali li xandar live permezz tal-paġna fuq Facebook xi siltiet minn dan il-festival u kif ukoll il-ħruġ tal-vara majestuża ta' San Publju. Sar ġbid bid-drone fejn disgrazzjatament xi wħud mill-filmati ntilfu wara inċident li kellu l-*cameraperson*. Dan tefgħa lura proġett li suppost kellu jkun mniedi tul din is-sena pero se jkollu jitkompla tul is-sena d-dieħla fejn hu ttamat li anke dan ikun ta' suċċess.
Permezz tan-nifs ġdid fil-media tal-Kunsill Lokali l-attivita' Ġenna ta' Ġonna, it-tarbija tal-Kunsill Lokali tal-Floriana kompliet tikber fejn kull ma jmur qed tisaħħaħ l-istampa tal-lokalita'u attirat folol ta' nies. Din is-sena sar filmat ieħor mill-isbaħ fejn l-enfasi kien fuq l-għaqda li hawn fil-lokalita' tal-Floriana billi saret mixgħela bix-xemgħat tal-kelma *explorefloriana*. Fil-filmat ta' din is-sena dehru wkoll tlett ġonna partikolari il-Ġnien Re George V, Sir Luigi Preziosi u kif ukoll dak ta' Vilhena.
Il-Kunsill Lokali tal-Floriana sar preżenti aktar fuq il-mezzi soċjali, b'paġni fuq Facebook, Twitter u anke Instagram. Ilkoll qed jiġu aġġornati skont l-użu tagħhom bl-għan ewlieni li l-Kunsill ikun aktar viċin in-nies.
Qiegħed jaħdem ma' *webdesigner* sabiex il-portal tal-Kunsill Lokali jiġi aġġornat u moderniżżat.
Fir-rigward tal-Edukazzjoni, mpenja ruħu billi flimkien ma' membri oħra tal-Kunsill iltaqa' mal-amministrazzjoni tal-iskola waqt attivitajiet u għall-għoti tal-kotba lit-tfal tal-ewwel sena għall-kunċert tal-Milied.
Il-pubbliku Furjaniż ġie edukat ukoll fir-rigward tal-iskart sabiex il-Floriana tinżamm nadifa.

Is-saħħa u s-senita' huma wkoll fid-dekasteru tiegħu fejn sar sforz biex tittaffa l-problema tal-ħamiem mill-aktar fis pero' rrimarka li l-Gwardjani Lokali għandhom jagħmlu wkoll il-biċċa tagħhom.
Semma li dwar il-Ħarsien tal-Animali kienu żdiedu djar tal-animali ma' dawk ta' ħdejn l-Isptar Boffa u fiż-żona tal-monument ta' Vilhena fi Pjazza Papa Giovanni XXIII.
Rigward il-Kampanja Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina inatgħat għajnuna lil bosta entitatjiet tal-karita' u talab li jkun hemm aktar konsultazzjoni ma' dawk konċernati biex din il-kampanja tkompli tikber u li r-risorżi tal-Floriana kollha jkun utillizat għal din il-kampanja tal-karita'. Din il-kampanja issa daħlet fil-kalendarju tournament tal-futbol għat-tfal, fejn fih dejjem jieħdu sehem il-Floriana FC Nursery u hemm l-involviment ta' għaqdiet t'anzjani, żgħażagħ u tfal u kif ukoll dawk sportivi.
Semma kif għadda mozzjoni sabiex ikun hemm tisbieħ fil-funtani tal-ġonna waqt li tissolva l-problema tal-ilma qiegħed u n-nemus partiklolarment fil-funtani li hemm fil-Ġnien Re Ġeorge V u ta' Sir Luigi Preziosi. Mozzjoni oħra li ressaq kienet dwar il-Baġit 2017, fejn staqsa l-għalhiex il-Floriana ma kienitx mehmuża fil-pjan tal-Gvern għar-riġenerazzjoni bħal ma' kien hemm inklużi il-Belt Valletta u l-Marsa. Il-Kunsill qabel li kien hemm bżonn li ssir aktar pressjoni dwar din il-problema, fejn saru laqgħat ma' dawk konċernati.
L-għan tiegħu hu li jħares l-interess komuni tar-resident Furjaniż u lejn dak kollu li tħaddan il-Floriana li jixirqalha aktar milli dak li għandha bħalissa partikolarment l-isfida tar-riġenerazzjoni.
Għalaq id-diskors tiegħu billi qal li wieħed irid iżomm saqajh ma' l-art  għaliex is-saħħa tal-Kunsill hi limitata pero' b' sosten konġunt mal-Gvern, m' entitajiet diversi u mar-residenti  jinġibed ħabel wieħed fuq dan l-aspett għaliex lokalita' bla nies ma tibqgħax lokalita' iżda ssir żona bla ruħ.

<u>Il-Kunsillier Is-Sur Albert Demarco</u>

Il-Kunsillier is-Sur Albert Demarco ma setgħax ikun preżenti illum minħabba impenji tal-impieg tiegħu u ta' dan skuża ruhu pero' ħejja rapport ta' ħidmithu li nqara mis-Sindku. Id-dekasteri tiegħu  jinkludu Utilitajiet u Servizzi, Gwardjani Lokali, Parkegg, Kultura u Storja (li kienet kient konġunta ma' Dr Matthew Paris).
Beda biili rrigrazzja lil sħabu l-Kunsilliera li irrispettivament mit- twemmin politiku differenti dejjem sab il-koperazzjoni tagħhom. Irringrazzja partikolarment lis-Sindku Davina Sammut Hili, lill-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Svetlick Flores u lis-Segretarju Eżekuttiv l-ġdida s-Sinjura Maria Lourdes Lautier tal-għajnuna li tawh sabiex seta' jwettaq ħidmietu skond proċeduri stabbiliti.
Sellem lill-ex kunsillier l-Avukat Matthew Paris li kien għadu kemm irrizenja mill-Kunsill minħabba mpenji oħra filwaqt li awgura ħidma siewja lis-Sur Anthony Grech Sant li kien għadu kemm ġie elett fil-Kunsill minflok Dr Paris.
Wera wkoll l-apprezzament tiegħu lill-istaff kollu tal-Kunsill għad-dedikazzjoni tagħhom, għal kull għajnuna li jkollu bżonn u ħafna aktar għal ħidmiethom li jikattar f' ġid għal Floriana.

Irrimarka li kieku prefiribilment il-manutenzzjoni (up-keep) issir minn qabel sabiex jiġi evitat ħsara pero dan mhux dejjem faċli  peress li biex tikkordina ċertu xogħlijiet irid jiġi meqjus li kull dipartiment għandu is-sistema tiegħu u għaldaqstant wieħed irid jimxi mal-proċeduri stabbiliti minn dawn l-entitajiet u dan il-proċess regolarment jieħu fit-tul.

Din is sena il-ħaddiema ta' l-Enemalta bidlu xejn inqas minn 3 cables taħt l-art, 63 bozza tat-toroq u attendew għal 39 hsara, kemm fid-djar kif ukoll fit-toroq. Saru wkoll 4 spezzjonijiet tal-Floriana kollha matul erbat iljieli differenti. Il-korporazjoni għas-servizzi ta' l-ilma għamlet 4 xogħlijiet ta' manutenzjoni u attendiet għal mhux anqas minn 29 ħsarat żgħar li nqalgħu.

Semma l-problema tal-parkeġġ u stqarr li qiegħed inħejji numru ta' proposti biex jiġi eliminat l-abbuz tas-sistema filwaqt li jkun hemm aktar spazju għar-residenti mingħajr ma titgerrex l-attivita' kummerċiali fil-Floriana.

Wiegħed li jrodd lura għall-fiducja li tawh ir-residenti billi ser jagħmel dak kollu possibli sabiex titjieb il-kwalita' tal-ħajja tal-Furjaniżi u biex il-Floriana tibqa' waħda mill-aħjar lokalitajiet għar-residenti tagħha.

<u>Is-Sindku Davina Sammut Hili</u>

Id-dekasteru tas-Sindku huma l-Finanzi u l-Fondi, Fondi mill-Unjoni Ewropeja, l-Ambjent u Ndafa Pubblika, Librerija u Arkivji, Xogħolijiet u Manutenzzjoni, Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali, Ugwaljanza u Avvanz tal-Mara u Negozju u Kummerċ.

Is-Sindku fetħet id-diskors tagħha billi irringrazzjat lil kull min jifforma parti mill-Kunsill u irrimarkat li l-membri baqgħu jaħdmu b' sinerġija għal ġid tal-lokal partikolarment għar-residenti.  Hija irringrazzjat lil ex-Kunsillier Dr Matthew Paris li kien għadu kemm irriżenja mill-Kunsill u lill-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Svetlic Flores għax-xogħol siewi li wettqu, kif ukoll lill-istaff amministrattiv u manwali, li lkoll jirsistu sabiex il-pjanijiet tal-Kunsill jitwettqu bl-aktar mod effiċjenti.

Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li mir-rapporti li saru mill-kunsillieri sħaba, kienet tidher il-ħidma kbira li saret mill-Kunsill u minn kull wieħed mill-kunsillieri filwaqt li ġie ppreżentat Rapport tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2017 li din is-sena tħejja qabel mis-soltu a bażi ta' Ċirkolari maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sindku qalet li matul din is-sena, il-Kunsill kompla jkun kawtiel l-infieq u dan sabiex il-Kunsill joħroġ mill-problema ta' defiċit a benefiċċju tal-komunità'.

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill kompla jwettaq ħidmiethu fil-lokalita' billi ħa ħsieb tat-tindif tat-toroq u żżamma tal-ġonna, tad-dwal, il-ġbir ta' skart domestiku u goff waqt li wettaq manutenzzjoni kontinwa skond il-ħtieġa, partikolarment wara xi att vandalu li jiswa l-kunsill somma ġmiela mill-allokazzjoni.

Semmiet ukoll id-diversi laqgħat miżmuma ma' entitajiet Governattivi u setturi oħra sabiex il-Kunsill jigwadanja għal ġid tar-residenti u tal-lokal.

Saret laqgħa ma' Dr Deborah Schembri fejn il-Kunsill talab li l-Floriana tkun inkluża fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni tal-Belt u l-Marsa biex il-Floriana tkompli tattira aktar residenti u mhux ufficini;

Sara laqgħa mas-Sur Johann Buttiġieġ mill Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex ġiet diskussa r- riġenerazzjoni tal-Floriana in vista tal-fatt li ħafna mir-residenzi qed jnbidlu f' ufficini. Il-Kunsill jopponi mal-Awtorita'tal-Ippjanar (PA) għall-kull applikazzjoni li ssir biex residenza tinbidel f' ufficju billi l-Avukat tal-Kunsill jirrispondi user jibda jattendi għas-seduti tal-PA.

Bħalissa ħierġin skemi mill- Awtorita' tal-Ippjanar fejn wieħed ikun jista jibbenefika minn fondi biex jirrestawra id-dar jew il-faċċata tad-dar tiegħu, mingħajr ma jinkorri spejjez tal-amministrazzjoni inkluż is-servizz ta' Perit li ser jitqabbad mill-Kunsill.

Is-Sindku kompliet billi analizzat a benefiċċju ta' dawk preżenti l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017. Hija qalet li l-allokazzjoni tal-Gvern lill-Kunsill tammonta għal €354,901**,** li żdiedet bi kważi €10,000 mis-sena l-oħra, waqt li semmiet wkoll li l-Kunsill kien qed jippjana li jdaħħal €8,000 minn skemi governattivi kif ukoll mal-€50,000 minn ċitazzjonijiet, permessi, sponsorships u bye-laws.

Is-Sindku qalet li ser ikun hemm ħidma akbar sabiex il-Kunsill jikseb opportunitajiet oħra sabiex jiżdied id-dħul, bħall Fondi mill-Unjoni Ewropeja u tal-Gvern Ċentrali.

Kompliet tgħid li l-ispejjez għall-amministrazzjoni (salarji) kien ser jiżdied marġinalment għal €123,456 u kien jinkludi ż-żieda tal-għoli tal-ħajja u l-*increments* tal-ħaddiema.

Is-Sindku saħqet li l-Kunsill kien qed ikompli jaħdem sabiex tiġi kkontrollata l-ispiża rikorrentili u jippjana li jonfoq madwar €238,000 fuq manutenzjoni u operattivi.

Qalet li l-Kunsill qed jipproġetta li jwettaq xogħolijiet infrastrutturali fosthom bankini u asfaltar, u manutenzjoni oħra fit-toroq tal-lokalita' (infieq kapitali) fejn ġew allokati madwar €44,000 għal dan is-settur.

Il-Kunsill ser ikompli jaħdem fil-komunita billi jerġa' jorganiżża attivitajiet kulturali li saru parti mill-kalendarju Furjaniż ie il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, Ġenna ta' Ġonna u Saint Patrick's Sunday, fejn ġew allokati madwar €40,000 għal dan is-settur.

Fost oħrajn qalet li ser jiġi stallati *cameras* ħdejn l-Awtorita' tal-Ippjanar u użu akbar tal-*mobile camera* biex jinqabdu dawk li qed iwettqu l-vandaliżżmu u l-każ jgħaddi għand il-pulizija; is-sinjali tat-toroq ser jiġu miżbugħha; iż-żbir tas-siġar ser isiru bil-prassi tas-sengħa iżda tippreferi li jkun hemm bilanċ.

Ser jitranġaw il-bankini u r-rampi ta' madwar it-toroq Preziosi, Sarria u biswit l-Istitut Kattoliku;

Spjegat li allavolja il-Mall hu responsabilita' tal-Gvern ċentrali, sar sforz mal-Ministru responsabbli sabiex it-telqa li hemm f' dan il-ġnien u l-art tiżloq tirranġa malajr kemm jista' jkun;

Talbet għajnuna mill-Ministeru konċernat sabiex tkompli manutenzzjoni u t-tisbieħ tal- Loġoġ biex Triq Sant' Anna tkun dehen tal-poplu Malti u ta' kull min ikun dieħel il-Belt Valletta inkluż kull dinjitarju li jżur Malta.

Wegħdet li xi funtani li qed ikun peristentement ivvandalizżati jiġu ristrutturati u mimlija bil-pjanti flok ilma, hekk jissebbħu mod ieħor il-ġonna filwaqt li jonqos in-nemus.
Triq il-Fosos ser tiġi irranġata biex ma tkunx tiżloq; twaħħlu aktar sinjali u tabelli biex ifakkru r-residenti jiġbru l-ħmieġ tal-annimali tagħhom partikolarment mill-ġonna filwaqt li żdiedu l-bins;
Rigward il-problema tad-dwal fi Triq Preziozi u oħrajn irriżulta li hemm ħsarat kbar fis-sistema ta' kif kienet ġiet stallata ftit tas-snin ilu - mhux skond il-prassi u s-sengħa u li ser tinvolvi spejjeż kbar biex tissewwa u tiffunzzjona kif suppost.
Ser jiġu miksija bit-tarmac it-Toroq J Lopez, Dun Mauro Caruana b' għajnuna ta' sponsorship mill-Isle of MTV, u l-Awtorita' tat-Turiżmu.

INTERVENTI MINN DAWK PREŻENTI

Ms Angele Richett :- Talbet jekk hu possibbli sabiex bħal ma saru *cat cafe's* issa jsir *dog park* biswit l-Iscouts HQ fejn hemm medda art kbira il-bogħod mill-pubbliku.
Is-Sindku, filwaqt li ikkunsiderat li din hi ideja tajjeb rrispondiet li din l-art tappartjeni lil-Gvern ċentrali pero' kienet ser tindaga fuq din il-possibilita' mas-Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Animal Welfare filwaqt li stqarret li l-*cat cafes* qamu €250.

Ms Mary Dimech – Tkellmet dwar iż-żbir tas-siġar f' żoni residenzjali partikolarment fejn hemm siġar li saħħansitra jmissu mal-galleriji tan-nies u jwasslu sa fuq il-bjut tagħhom. Il-Kunsill ser jara dwar dawn is-siġar li nżabbru madwar xahrejn ilu.
Talbet li jsir *floodlight* ieħor mal-bieb tal-ġnien Re Ġorġ V pero' ġiet infurmata li ġa kien hemm dan il-ħsieb u ma kienx sarx peress li dan id-dawl qawwi jaffettwa u jkun ta' periklu serju għas-sewwieqa.
Talbet ukoll li jsiru bozoz fuq Triq is-Sur u Triq il-Miratur.

Mrs Sandra Hili – Ikkumentat li bis-saħħa tal-MTV u l-awtorita' tat-Turiżmu ser isir tarmac fi Triq Lopez; dwar il-festival ta' Ġenna ta' Ġonna li fil-fehma tagħha hi l-aqwa attivita' tas-sena ; li l-Kunsill kompla jnaqqas mid-deficit tiegħu u talbet li ssir taf kemm kien hemm deficit sena b'sena mill-2010 sal-lum; dwar ix-xiri ta' *mobile camera* u talbet li tintuża fi Triq il-Miratur u fi Triq is-Suq. Rigward l-organiżazzjoni ta' tour fil-mina tal-ferrovija, irrimarkat li għandu jkun hemm taraġ aktar sigur biex wieħed jinżel hemm isfel.
Ilmentat li l-kennies ma tarah qatt fit-toroq u ġiet infurmata li fit-Tender il-ġdid ser ikun hemm mitlub kundizzjonijiet partikolari biex jingħata servizz aħjar pero' wieħed irid ikun konxju li kennies ma' jistax ikun f' kull triq.
Ilmentat ukoll li fix-xelter ta' ħdejn id-Dipartiment tax-Xogħolijiet hemm grupp ta' nies barranin li qed jorqdu fih.

Ikkumentat li l-ġbir tal-iskart kollu fil-Floriana jsir a spejjez tal-Kunsill għalhekk wieħed jippretendi li dawk il-kumpaniji li jinqdew minn dan is-servizz għandhom jikkontribwixxu lejn il-komunita' żgħira Furjaniża. Is-Sindku nfurmata li l-kumpanija MSV ser tkun qed tikkontribwixxi billi ser tħallas biex isiru s-sinjali tal-*pedestrian crossings.*
Innotat li t-*traffic lights* ta' Triq Sant Anna huma ta' periklu għal min ikun qed jaqsam minn fuqhom minħabba li d-dawl jaqleb malajr meta wieħed jikkonsidra kemm hi wisgħa t-triq u l-popolazzjoni anzjana tal-Floriana.

<u>Mr Joe Hili</u> – Ilmenta dwar ix-xogħol ħażin li kien sar ta' kafkaf fi Triq San Franġisk u Triq il-Kapuċċini fejn intuża materjal inferjuri għal bankini tant li baqa' jitla' l-ħaxix u li l-Kunsill għandhu jfittex għad-danni.

<u>Tmiem il-laqgħa:</u>
Il-minuti ta' din il-laqgħa ser jiġu diskussi mill-Kunsill matul il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss cioe' fil-11 ta' Jannar 2017 fejn ser jieħdu azzjoni dwar dawk l-ilmenti u s-suġġerimenti kif iqis li jkun xieraq.
Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 p.m.

| | |
|---|---|
| **Davina Sammut Hili** | **M' Lourdes Lautier** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |